MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 79/1983/1

Kawza fil-lista: 19

**Carmel Muscat**
**Vs**
**George Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur gie inkarigat mill-konvenut biex jaghmel xoghol ta’ tiswija fuq zewg magni “Perkins P.6”, liema xoghol tlesta u l-konvenut naqas li jhallas kemm ghal dak li huwa xoghol, u kemm ghal dak li huwa xiri ta’ spareparts inkorsi mill-attur in konnessjoni mall-istess xoghol.

Peress illi dan ix-xoghol u dawn l-ispejes jammontaw ghas-somma ta’ erba mija u wiehed u sebghin lira Maltin u

wiehed u sittin centezmi (Lm475.61,0), li l-konvenut naqas milli jhallas nonostante interpellazjoni ufficjali.

Jghid ghalhekk il-konvenut, invista tal-premess, ghaliex mghandux jigi (1) ikkundannat minn dina l-Qorti jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm475.61,0 (erba mija u wiehed u sebghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmi) lilu dovuti ghax-xoghol minnu maghmul fuq inkariku u fl-interess tal-konvenut u ghall-prezz ta’ spareparts mixtrija mill-attur in konnessjoni mall-istess xoghol.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ din l-istess ittra ufficjali sad-data effettiv tal-pagament kontra l-konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi qabel xejn l-attur kien imissu ipprezenta kont dettaljat li jindika ezattament l-ammonti imhallsa minnhu ghas-spare parts u in-natura u l-ammont pretiz ta’ xogholu.

Illi minghajr pregudizju tal-premess l-eccipjent m’ghandux jaghti l-ammont mitlub kemm ghaliex ix-xoghol ma giex komplut kif ukoll ghaliex hafna mix-xoghol esegwit gie maghmul tant hazin li l-eccipjent kellhu jisborsa ammont konsiderevoli biex isewwi l-izbalji tal-attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jippretendi minghand il-konvenut is-somma ta’ Lm475.61 rapprezentanti spejjez ta’ spare parts u xoghol maghmul fuq zewg magni fuq inkarigu tal-konvenut.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jopponi ghal din it-talba bis-segwenti eccezzjonijiet:

[1] li l-attur ma pprezentax breakdown indikanti l-ispare parts, kif ukoll n-natura u l-ammont tax-xoghol pretiz;
[2] li l-konvenut m’ ghandux jaghti l-ammont mitlub, peress li “x-xoghol ma gietx komplut;
[3] u wkoll peress li “hafna mix-xoghol esegwit gie maghmul tant hazin”.

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi l-konvenut kien inkariga lill-attur sabiex jghamel “overhalul” ta’ zewg magni tal-bahar tal-marka Perkins, li kienu f’ kundizzjoni hazina. Jidher li, anke in vista tal-parentala bejn il-kontendenti, ma giex mifthiem prezz minn qabel, u l-attur beda jesegwixxi x-xoghol fuq dawn il-magni, minghajr ma zamm lill-konvenut informat b’ dak li kien qieghed jaghmel, stante li, skond hu, l-inkarigu tieghu kien li jaghmel dak li kien hemm bzonn. Irrizulta li wara li l-attur lesta l-appalt lilu moghti, il-konvenut flimkien ma certu Joseph Caruana marru ghandu, u wara li raw il-magni jahdmu ghabbewhom fuq il-vettura tal-konvenut u dan hadhom ghandu.

Jidher li l-konvenut ma kienx sodisfatt bix-xoghol li sar fuq wahda mill-magni peress li ma kienitx taqbad mal-ewwel u ghalhekk kien kellem lil certu Angelo Pisani li, skond il-konvenut, kien qallu li l-magna “kienet stretta izzejjed hafna, jigifieri iebsa zzejjed u li din jekk tibqa kif inhi tista’ tiggammja.” Konsegwenzjalment l-konvenut kellem lill-attur u dana rega’ gie u fetah il-magna.

Illi l-konvenut inkariga lil certu Salvu Ciantar sabiex ipoggi l-magna fuq il-lanca, izda skond il-konvenut il-magna ma bdietx tiffunzjona tajjeb u eventwalment dina giet zarmata minnhom. Il-konvenut jghid “Kien wara li zarmajna l-magna li sibna ezatt x’ kien hazin fix-xoghol li ghamel u ried jahbi Muscat [l-attur].[1]

Wara li l-magni kienu ilhom zmien ghand il-konvenut, l-attur baghatlu l-kont, izda dana irrifjuta li jhallsu minhabba li jsostni li x-xoghol kien sar hazin.

---

[1] Fol.59

In vena legali jigi osservat li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat u cioe' minn jallega ghandhu jipprova il-fatti minnu allegati. Dan japplika kemm ghal fatti li fuqhom hija bazata l-pretensjoni attrici, inkluzi l-ispejjez, li allura ghandhom jigu pprovati mill-attur; kif ukoll ghal dak allegat mill-konvenut li allura dan ghandu l-oneru tal-prova ta' dawn il-fatti u cioe' [1] li x-xoghol ma kienx komplut; u [2] li x-xoghol li fil-fatt sar kien sar hazin.

Illi jirrizulta sodisfacentement provat, principalment in bazi ghal verosimiljanza, li l-appalt moghti lill-attur kien jikkonsisti filli dana jaggusta u jirrendi in good working condition il-magni konsenjati lilu. F' dan ir-rigward il-Qorti thoss li ghandha taghti affidament lill-attur fis-sens li l-inkariku tieghu kien li jghamel dawk ix-xogholijiet necessarji fuq il-magni ghal dan il-ghan.

Illi rigward l-allegazzjoni tal-konvenut li x-xoghol ma sarx kollu u li dak li kien sar sar hazin, kien jinkombi fuqu l-oneru ta' din il-prova. F' dan ir-rigward, il-Qorti tosserva li dana strah unikament fuq il-versjoni tieghu u ta' ibnu, liema versjoni ssib kuntrast dirett minn naha ta' l-attur. Il-konvenut naqas li jipprezenta prova teknika ta' dak li kien qed jallega. Naqas li jressaq bhala xhieda iz-zewg mechanics li raw u ezaminaw il-magna, u senjatament lil Angelo Pisani u lil Salvu Ciantar.

Inoltre, il-konvenut jghid li hu fetah il-magna u ghamel x-xoghol fiha hu. Il-Qorti hi tal-fehema li jekk verament, kif qal il-konvenut, l-attur ghamel xoghol hazin li gie skopert meta hu u Ciantar fethu l-magna, kien fl-interess tieghu li jassigura l-preservazzjoni u l-eventwali produzzjoni ta' dik l-evidenza, almenu bi gbid ta' ritratti, jekk mhux b' mod iehor.

Inoltre, jirrizulta provat li meta l-konvenut flimkien ma' Joseph Caruana marru jirtiraw il-magni minghand l-attur "dawn iz-zewg magni thaddmu mill-attur… Il-magni hadmu tajjeb u tellghu l-ilma b' mod regolari."[2] Din il-versjoni ta' Joseph Caruana, xhud estranew ghall-

[2] Deposizzjoni Joseph Caruna – 4 ta' Dicembru 1998 – fol.43

vertenza, ddghajjef serjament it-tesi tal-konvenut li x-xoghol ma kienx komplut u wkoll li dak li sar kien maghmul hazin.

In vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehema li l-konvenut ma ressaqx provi sodisfacenti f' dan ir-rigward. Il-provi tieghu huma skarsi u kontradetti, u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax treggi.

Illi jibqa' ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti il-punt jekk l-ammont mitlub mill-attur giex sodisfacentement provat. Biex tigi sodisfatta din il-prova, relattivament ghall-ispejjez, l-attur jehtieg jipprova l-ammont minnu pretiz, u li dan l-ammont gie effettivament zborzat minnu fl-esekuzzjoni tal-appalt. Din il-prova tista' ssir permezz ta' dokumenti, bhal ricevuti, u anki konferma tal-istess mill-awturi taghhom.

In propositu hija gusta l-osservazzjoni li, ghalkemm fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut ma kkontestax direttament l-ammont pretiz, huwa talab spjegazzjoni ta' kif l-attur wasal ghal figura indikata fic-citazzjoni. Fil-fehema tal-Qorti, din l-eccezzjoni kif impostata kienet sufficjenti sabiex l-attur jkun konxju tal-fatt li dak li ser jinghad f' dan ir-rigward kien ser jigi ezaminat mill-konvenut u jekk ikun il-kaz, bhal ma gara, jigi kkontestat.

Il-Qorti tosserva f' dan ir-rigward li, ghajr ghad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, l-unika prova li tressqet minnu hija numru ta' ricevuti[3] li jkopru parti mill-ispejjez maghmula. Fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li, rigward il-kumplament tal-ispejjez li ma humiex koperti bir-ricevuti, l-attur kellu l-obbligu li jressaq prova li hu verament hallas dawk l-ispejjez anke permezz ta' produzzjoni ta' xhieda; multo magis meta jigi kkunsidrat il-fatt li din il-prova hija mankanti fir-rigward ta' ammonti relattivament kbar. In mankanza ta' tali prova, u in vista tal-kostestazzjoni f' dan il-kaz, dawn l-ispejjez ma jistghux jitqiesu sodisfacentement provati.

[3] Vide Doki.AE1 sa AE16

Il-Qorti, wara li ezaminat id-dokumenti AE1 sa AE16, hija tal-fehema li ghandha takkorda lill-attur bhala spejjez, minnu maghmula fl-esekuzzjoni tal-appalt esegwit minnu, u li gew sodisfacentement provati s-somma ta' Lm152, li flimkien mal-Lm100 prezz tax-xoghol tieghu, jwasslu ghal figura ta' Lm252.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' mitejn tnejn u hamsin lira maltin [Lm252] bl-imghax legali kif mitlub. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal-zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u r-rimanenti [1/3] terz jibqa' a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------